MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru 57510/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison u**
**Spettur Norbert Ciappara)**

**v.**

**Mario Camilleri et**

Illum 15 ta’ Novembru 2007

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija decizjoni wara rikors maghmul mill-Avukat Generali fit-2 ta’ Novembru 2007 fit-termini tas-subartikolu (9) ta’ l-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni tat-30 ta’ Ottubru 2007 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi. Permezz ta’ din id-decizjoni tat-30 ta’ Ottubru 2007, dik il-Qorti

Inferjuri kienet estendiet il-hinijiet li fihom l-imputat Mario Camilleri seta' johrog minn daru, billi awtorizzatu johrog bejn is-7.30 ta' filghodu u l-4.30 ta' wara nofs in-nhar kulljum, salv ghall-Hadd, meta l-hin tar-rinkazar kellu jkun fis-1.00 ta' wara nofs in-nhar. Qabel dan id-digriet, il-hinijiet kienu regolati bid-digriet tal-14 ta' Gunju 2007, u skond dan id-digriet Camilleri seta' johrog mid-dar bejn id-9.00 ta' filghodu u l-11.00 ta' filghodu, u bejn it-3.00 u l-4.30 ta' wara nofs in-nhar.

**2.** L-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti oppona t-talba fuq il-bazi li ma kien hemm ebda prova li turi li l-hinijiet il-godda mitluba kienu necessarji biex ir-rikorrent ikun jista' jahdem biex imantni l-familja (fir-rikors tieghu quddiem il-Qorti Inferjuri, ir-rikorrent Camilleri, intimat fl-istanza odjerna, kien talab l-estensjoni tal-hin biex, skond hu, ikun jista' jahdem fil-kumpannija tal-mara tieghu). L-Avukat Generali qed jikkontendi li mhux biss ma saritx il-prova quddiem il-Qorti Inferjuri ta' xi necessita` biex ir-rikorrent ikun jista' jahdem halli jmantni l-familja tieghu, izda fi kwalunkwe kaz fid-dawl ta' l-antecedenti ta' l-intimat Mario Camilleri u tan-natura tal-akkuzi migjuba kontra tieghu (principalment pussess u traffikar ta' droga), l-estensjoni koncessa bid-digriet tat-30 ta' Ottubru 2007 kienet taghti lok ghall-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kodici Krminali, u b'mod partikolari l-perikolu kontemplat fl-imsemmi paragrafu (e), cioe` li Camilleri jikkommetti xi reat iehor, f'dan il-kaz ta' l-istess generu bhal dawk li bihom jinsab imputat.

**3.** Id-difensuri tal-partijiet – Dott. Joseph Brincat ghall-intimat Camilleri, u Dott. Lara Lanfranco, ghall-Avukat Generali, ittrattaw ir-rikors fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2007[1]. Fil-kors tat-trattazzjoni, l-abbili difensur ta' l-intimat Camilleri ghamel referenza ghad-decizjoni recentissima tal-*House of Lords* fil-kawza fl-ismijiet **Secretary of State for the Home Department v. JJ and others** [2]fejn b'decizjoni maggoritarja gie deciz li l-kundizzjonijiet imposti f'"control orders" maghmula mis-

[1] F'udjenza mizmuma l-gimgha ta' qabel ma sar xejn ghax l-intimat Camilleri ma kienx lahaq informa lill-avukat tieghu bis-smigh tar-rikors.
[2] [2007] UKHL 45

*Secretary of State* taht il-*Prevention of Terrorism Act 2005* kienu jcahhdu lill-intimati (JJ u ohrajn) mill-liberta` taghhom bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalkemm din is-sentenza hija inretessanti hafna -- specjalment ghax hija wkoll wahda recensjuri tal-gurisprudenza in tema tad-dritt ghall-liberta` -- din is-sentenza mhix relevanti ghall-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti f'dana l-istadju. Fil-kaz imsemmi tal-*House of Lords* kien hemm persuni semplicement suspettati u l-ordnijiet saru mill-Ezekuttiv u mhux mill-qrati; u inoltre – u dan huwa punt importantissimu – f'dik il-kawza kien hemm qbil bejn il-partijiet li *"...none of the cases subject to this appeal fall within any of the catergories listad in (a) to (f) of article 5 of the Convention..."* [3]. Fil-kaz odjern, invece, l-intimat Mario Camilleri tressaq arrestat quddiem qorti fuq suspett ragjonevoli li kkommetta diversi reati – cirkostanza li tinkwarda fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 5 imsemmi – b'mod li l-kwistjoni tal-kundizzjonijiet annessi ma' l-ghoti tal-helsien mill-arrest tista' possibiliment tqun biss fil-kuntest tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 5 (kif dan is-subartikolu gie interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, u cioe` sia jekk abbinat ma' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u sia jekk le) u fi proceduri specifikatament intizi biex jimpunjaw il-legalita` tal-mizura li tkun jew ma tkunx ittiehdet. Kif qal Lord Binghamm of Cornhill, fir-relazzjoni principali fis-sentenza msemmija:

**"It is, as observed in *R(Gillan) v. Commissioner of Police of the Metropolis* [2006] UKHL 12, [2006] 2 AC 307, para 23, perilous to transpose the outcome of one case to another where the facts are different."** [4]

**4.** Fil-kaz odjern, kullma trid tezamina u tiddecidi din il-Qorti huwa jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti tat-30 ta' Ottubru 2007 li testendi l-hinijiet li fihom huwa jista' johrog mid-dar kienitx kjarament zbaljata. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti (limitatament, pero`, ghall-finijiet tal-vertenza odjerna) hi

[3] *ibid.* para. 6.
[4] *ibid.* para. 13.

tal-fehma li r-risposta ghal din il-mistoqsija ghandha tkun fl-affermattiv. Ma kien hemm xejn fl-atti li jindika li t-talba ghall-estensjoni tal-hinijiet kienet verament intiza ghalbiex l-intmat odjern ikun jista’ jahdem fil-kumpannija ossia` socjeta` tal-mara tieghu, u fi kwalunkwe kaz dik il-Qorti naqset milli taghti l-piz xieraq lill-antecedenti tar-rikorrent li kellha quddiemha, l-intimat odjern, fid-dawl ta’ dak li jinghad fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 575 imsemmi. Ghalhekk it-talba ta’ l-Avukat Generali timmerita li tigi akkolta.

**5.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali kif migjuba fir-rikors tieghu tat-2 ta’ Novembru 2007, thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat-30 ta’ Ottubru 2007, u tqieghed lil Mario Camilleri, ghal dak li hu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht garanzija ghall-finijiet tal-proceduri odjerni, fil-posizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma nghata d-digriet imsemmi. Notifika immedjata ta’ dana d-digriet lill-Avukat Generali, lil Mario Camilleri u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------